MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 137/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Chamiz Services Ltd u Charles Mizzi f'ismu propju**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm267.63 (mitejn sebgha u sittin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) dovuti ghal servizz telefoniku.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-20 ta' Jannar 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-14 ta' Frar 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------